MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru 313/1998

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)

vs

Christopher Emanuel Formosa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 7092(A) talli f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm5,000 ghad-dannu ta' Francis Chetcuti, Bank Of Valletta u diversi persuni ohra u dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310 (1) tal-Kap 9;

2. appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioè flus u armi u accessorji ohra konnessjoni ma' l-armi, liema flus u armi u oggetti ohra jammontaw ghal aktar minn Lm5,000, liema flus u armi u oggetti ohra gew fdati jew ikkunsinnati lilu minn Francis Chetcuti, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar meta l-istess flus u armi u accessorji gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9;

3. kiser il-kundizzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 imposti fuqu b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tal-24.10.97 u 23.4.1998.

Rat l-Artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Genrali l-imputat ghandu jirrispondi ta' truffa aggravata, frodi innominat aggravat u approprjazzjoni indebita aggravata. Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jinsabu pruvati l-akkuzi dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess fl-istqarrija.

Jirrizulta bhala fatt li l-imputat wara li ottjena librett ta' cheque mill-Bank of Valletta b'erbghin cheque fih uzahom kwazi kollha f'akkwist ta' affarijiet minghand hwienet varji fil-waqt li kien jaf li c-cheques mahruga minnu ma kienux ser jissarfu billi l-kont ma kellux fondi biex ikopri l-ebda cheque li nhareg.

Jirrizulta wkoll li qua impjegat mas-socjeta' Farwin huwa, cioè l-imputat, ma kienx radd depoziti ta' flus li kien ircieva minghand klijenti tas-socjeta' ghall-akkwist minnhom ta' prodotti, senjatament armi u affarijiet aniellari, li kienet tbiegh is-socjeta'.

Kwantu ghall-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u kkonsidrat li hu jidher li gheleb il-vizzju tad-droga u qieghed jaghmel hiltu biex jirrifondi dak li akkwista indebitament.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 308, 309, 310, 293, 294, 17, 49 u 50 tal-Kap 9 li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni li jkompli jirrisarcixxi l-ammonti minnu dovuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------